QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 T'OTTUBRU 2001

Avviz Nru 580/98DM

Carmel Cassar

Vs

Carmelo Vella

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghal kundanna tal-konvenut sabiex jersaq ghal likwidazzjoni u evetwali hlas ta' danni mill-konvenut subiti incident awtomobilistiku li ssucieda fit-28 ta' Frar 1998 fil-11.30am fi Triq Aldo Moro, Marsa, meta l-konvenut kien qed isuq vettura tal-marka Rover mudell 820 bin-numru ta' registrazzjoni CCV 820 filwaqt li l-attur huwa l-propejtarju tal-vettura tal-marka Hyundai numru ta' registrazzjoni BAA 613 liema incident sehh tort unikament tieghu minhabba mperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, meta l-konvenut qabad u rriversja ghal gol-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ai fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat li d-danni subiti ma jeccedux l-Lm500.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Vella Fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kollizjoni msemmija fl-Avviz ma gratx tort ta' l-eccipjent li m'ghandu l-ebda responsabilita` ghall-incident awtomobilistiku msemmi.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghal dak li jirrigwarda id-danni illi allega li sofra l-attur dawn gew ikkwatifikati fis-somma ta' tlett mija u wiehed u erbghin lira u tlettax il-centezmu (Lm341.13) skond id-deposizzjoni tal-istess attur sostnuta bir-ricevuti minnu esebiti.

In oltre is-survey report a fol 45 tal-process (Dok TV 1) kkorabora id-deposizzjoni tal-attur fejn jirrigwarda il-quantum tad-danni.

Ghaldaqstant tillikwida id-danni li sofra l-attur f'din il-kollizzjoni fis-somma ta' tlett mija u wiehed u erbghin lira u tlettax il-centezmu (Lm341.13).

Ghal dak li jirrigwarda ir-responsabilita f'din il-kollizjoni jirrizulta illi l-vetturi kienu ipparkegjati fl-istess triq izda fuq in-nahat opposti. Iz-zewg vetturi kienu pparkegjati bil-quddiem taghhom ihares lejn il-bankina u n-naha ta' wara ghan-nofs it-triq. Jirrizulta wkoll illi z-zewg sewwieqa ghamlu l-istess manuvra fis-sens illi riedu johorgu minn fejn kienu pparkegjati u allura irriversjaw ghal nofs it-triq biex ikunu jistghu jipprocedu fid-direzzjoni li xtaqu.

In oltre jirrizulta wkoll illi fil-manuvra li kull wiehed mis-sewwieqa ghamel ma kien hemm ebda tlajjar fis-sens illi kienet manuvra kontinwa ta' wiehed illi johrog minn fejn kien ipparkegjat halli imbaghad jibda jipprosegwixxi bil-quddiem.

Ghalhekk billi skond l-isketch jirrizulta illi l-habta grat bejn wiehed u iehor fin-nofs ta' triq, jirrizulta illi sa dak il-hin tal-habta iz-zewg vetturi kienu bejn wiehed u iehor bl-istess velocita imxew l-istess distanza b'lura u ghalhekk wiehed jista` jippresumi illi l-hrug minn fejn kienu pparkegjati sar fl-istess hin.

Konsegwentament kull wiehed mis-sewwieqa kieku zamm a proper look out qabel ma hareg minn fejn kien ipparkegjat kien seta` jikkonstata bil-prezenza tal-karozza l'ohra hierga ukoll b'lura minn naha opposta tat-triq izda ebda mis-sewwieqa fid-deposizzjoni tieghu ma jiddikjara illi qabel ma beda l-manuvra tieghu, kien hares lura biex seta` jara x'seta` kien hemm fin-nofs tat-triq fejn huwa ried jirriversja.

In fatti Matthew Cassar fid-deposizzjoni tieghu jghid illi hares lura wara li hass id-daqqa fuq wara tal-karozza tieghu filwaqt illi Carmelo Vella l-konvenut jiddikjara illi qabel ma hareg hares biex jara jekk hux gej traffiku minn naha tal-lemin u minn n-naha tax-xellug izda ma ddikjara qatt illi hares lura biex jara xi traffiku seta` kien hiereg minn naha opposta tat-triq.

Ghaldaqstant iz-zewg sewwieqa ghandhom ikunu tenuti responsabli t-tnejn fi grad ugwali ghal kollizjoni inkwestjoni.

Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal nofs il-hsarat illi sofra l-attur u ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tilqa` limitatment

it-talbiet attrici, qieghda tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil attur is-somma ta' mija u sebghin lira u sitta u hamsin centezmi (Lm170.56) bl-imghax b'effett mill-lum.

Bl-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Mag. Dr. D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep/Reg